# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 24 ta’ Frar, 2022**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 1087/09JRM**

Raymond **CAMILLERI**, Robert Żammit u Vincent Sciberras

vs

**IL-KAP KMANDANT TAL-FORZI ARMATI** u l-Onorevoli Prim Ministru bħala l-Ministru responsabbli mill-Forzi Armati ta’ Malta

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta’ Novembru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-eżerċizzju magħmul fl-aħħar żminijiet mill-Armata mħarrka fejn ingħataw għadd ta’ promozzjonijiet kien eżerċizzju abbużiv għaliex kien irraġonevoli għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b) tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex jagħtu lill-atturi l-promozzjoni li huma jistħoqqilhom; (ċ) issib li bl-imsemmi eżerċizzju, l-atturi ġarrbu danni,

li għalihom jaħtu l-istess imħarrkin; (d) tillikwida l-imsemmija danni; u (d) tikkundanna lill-imħarrkin jew lil min minnhom biex iħallsuhom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Novembru, 2009, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-11 ta' Jannar, 2010, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' u tistħarreġ il-kawża għall-finijiet tal-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u dan għaliex l-eżerċizzju mertu tal-każ ma kienx "att amministrattiv" kif mifhum mill-imsemmi artikolu, imma biss eżerċizzju tal-organiżżazzjoni nterna fi ħdan l-istess Forzi Armati u wkoll għaliex l-azzjoni attriċi jonqosha l-fundament ġuridiku billi ma jeżisti l-ebda dritt illi wieħed jingħata promozzjoni. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-allegazzjonijiet li jagħmlu l-atturi m'humiex minnhom, u dan peress li l-eżerċizzju kollu tal-promozzjonijiet kien ġust, skond il-liġi u b'ħarsien tal-prinċipji tal-ħaqq naturali u b'mod li l-imħarrkin la mxew *ultra vires* u lanqas b'abbuż ta' poter. Il-kriterji meħuda biex jitqies jekk persuna jistħoqqilhiex tingħata promozzjoni huma bosta u jittieħdu lkoll flimkien. Għar-rigward tat-talbiet għall-ħlas tad-danni, laqgħu billi qalu li ma hemm l-ebda rabta ta' kawżalita` bejn imġibithom u d-danni li jippretendu l-atturi, minbarra li, għall-finijiet tal-artikolu 469A(5) tal-imsemmi Kodiċi, biex persuna mġarrba jkollha dritt għall-ħlas ta' danni, trid turi li l-awtorita` pubblika tkun imxiet magħha b'mala fidi;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta' Jannar, 2010[1], li biha ċċaraw li l-eżerċizzju ta' promozzjonijiet li għalih jirreferu l-atturi f'din il-kawża huwa dak li sar fi ħdan l-Forzi Armati ta' Malta fit-8 ta' Mejju, 2009;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2010[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin u sabet li kellha s-setgħa li tistħarreġ l-ilment tal-atturi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda l-provi dokumentali;

Rat id-digriet Kamerali tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2011[3], li bih, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-Talba mressqa mill-imħarrek il-Kap

---

[1] Paġ. 13 tal-proċess
[2] Paġġ. 33 sa 40 tal-proċess

Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta fl-20 ta' Mejju, 2011[4], sabiex ma jippreżentax dokumenti kif ġie mitlub li jagħmel permezz ta' taħrika ta' xhud;

Rat id-degriet taghha tat-8 ta' Mejju, 2014[5], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauci bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tkompli tisma' x-xhieda li kellhom iressqu l-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-18 ta' Gunju, 2014[6] quddiem l-Assistent Ġudizzjarju li bih l-imħarrkin għalqu l-provi tagħhom;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Lulju, 2014[7], li bih laqgħet it-talba tal-avukati tal-partijiet sabiex it-trattazzjoni tal-għeluq issir bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-18 ta' Awwissu, 2014[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-27 ta' Novembru, 2014[9], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-atturi huma suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "FAM"), u qegħdin jitolbu li din il-Qorti tistħarreġ eżerċizzju ta' għoti ta' promozzjonijiet fi ħdan il-FAM li sar f'Mejju tal-2009[10], f'liema eżerċizzju ma ngħatawx promozzjoni li huma jqisu li kien messhom ingħataw, filwaqt li nies b'anzjanità anqas minnhom jew bi kwalifiki bħal tagħhom jew anqas minn tagħhom qabżuhom u ngħataw promozzjoni, filwaqt li huma baqgħu l-art. Iridu li l-Qorti tħassar dak l-eżerċizzju, iġġiegħel lill-imħarrkin jagħtuhom il-promozzjoni li tixirqilhom, u jridu wkoll il-kumpens għad-danni li ġarrbu minħabba l-mod kif sar dak l-

[3] Paġ 69 sa 73 tal-Proċess
[4] Paġ 57 sa 63 tal-Proċess
[5] Paġ 240 tal-Proċess
[6] Pag. 241 tal-proċess
[7] Paġ 251 tal-Proċess
[8] Paġ 252 sa 270 tal-Proċess
[9] Paġ 275 sa 287 tal-Proċess
[10] Dok."MSB2" f'pagg. 79 sa 90 tal-proċess

eżerċizzju. L-atturi jsejsu l-azzjoni tagħhom tal-lum fuq is-saħħa tal-Artiklu 469A(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-atturi huma kollha membri regolari fil-FAM. F'Mejju tal-2009 tħabbru għadd ta' promozzjonijiet fir-rangi differenti tal-FAM. Isem l-atturi ma kienx fost dawk li ngħataw promozzjoni. Fis-6 ta' Novembru, 2009, infetħet din il-kawża. Sa dak iz-zmien, l-attur Sciberras kien jokkupa l-kariga ta' Bombardier[11], l-attur Żammit il-kariga ta' *Staff Sargeant*[12], filwaqt li l-attur Camilleri kellu l-kariga ta' *Lance Bombardier*[13];

Illi jirrizulta li l-atturi lkoll ħadu promozzjoni wara l-ftuħ ta' din il-kawża: l-attur Sciberras ingħata l-kariga ta' Surġent (b'seħħ b'lura minn Ottubru tal-2009[14]), l-attur Żammit dik ta' *Warrant Officer II* u l-attur Camilleri ngħata l-kariga ta' Bombardier (sewwasew dik li f'din il-kawża qiegħed jitlob li jingħata, imma jridha b'seħħ b'lura minn Ottubru tal-2008)[15] . Jirriżulta wkoll li llum l-attur Żammit irtira mill-Armata[16];

Illi l-Qorti sejra tibda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ billi tgħaddi biex tqis l-ewwelnett it-**tieni eċċezzjoni** preliminari, dik li tgħid li fl-azzjoni tal-atturi jonqos il-fundament ġuridiku, ladarba ma jeżisti l-ebda dritt li wieħed jingħata promozzjoni[17]. L-imħarrkin ma ressqu l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni tagħhom, imma lanqas irtirawha. Jeħtieġ għalhekk li tingħata deċiżjoni dwarha;

Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni mhix sostenibbli billi l-jedd li wieħed jistenna li jimxi 'l quddiem fil-karriera li jkun għażel ma jistax jiġi eskluż *a priori*. Fost l-oħrajn, impjegat (ukoll jekk ikun membru f'xi forza dixxiplinari) jista' jkollu jedd għall-promozzjoni li jitwieled mill-kuntratt li jistipula l-kundizzjonijiet tal-ingaġġ li jkollu. Minbarra dan, hemm baħar jaqsam bejn meta persuna tippretendi li għandha tingħata promozzjoni, u meta persuna tistenna li l-proċess tal-għażla f'eżerċizzju ta' promozzjoni jsir kif imiss: dan tal-aħħar huwa jedd li l-ebda kuntratt ma jista' jneħħi;

Illi f'din il-kawża, l-atturi qed jitolbu kemm li jingħataw il-promozzjoni (it-tieni talba) li fil-fehma tagħhom jistħoqqilhom li joħduha, kif ukoll id-danni (it-tielet talba) li ġarrbu talli sar eżerċizzju ta' promozzjonijiet li

[11] Ara l-affidavit ta' Vincent Sciberras f'paġ. 43 tal-proċess
[12] Ara l-affidavit ta' Robert Zammit f'paġ. 47 tal-proċess
[13] Ara l-affidavit ta' James Grech f'paġ. 177 tal-proċess
[14] Affidavit tiegħu (Dok "RC") f'paġ. 43 tal-proċess
[15] Affidavit tiegħu (Dok "RC3"), f'paġ. 50 tal-proċess
[16] Ara x-xhieda ta' Kurunell Martin Bondin f'pagg. 172 sa 173 tal-proċess
[17] L-abbli avukat tal-atturi ma kienx korrett fin-Nota ta' Sottomissjonijiet (paġ. 252 tal-proċess) meta jgħid li t-tieni eċċezzjoni ngħatat bis-sentenza tas-16 ta' Novembru, 2009

huma jixlu li twettaq *ultra vires,* u li bis-saħħa tiegħu tħallew barra mill-promozzjonijiet li ngħataw lil oħrajn (li huma jqisu li ma kienx jistħoqqilhom aktar minnhom). Għalhekk, jekk wieħed iħares lejn it-talbiet kif magħmula mill-atturi, wieħed isib li bosta minnhom jaqgħu sewwasew fil-qafas ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil ta' awtorita` pubblika. Ma hemmx dubju li l-FAM hija awtorita` li għaliha jgħoddu r-regoli ta' amministrazzjoni pubblika. Għalhekk, filwaqt li jista' jkun li t-tieni talba attrići kif magħmula ma tistax tintlaqa' minn din il-Qorti[18], it-tielet talba hija jedd li tagħtih il-liġi permezz tal-Artiklu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-azzjoni attrići hija tassew milquta min-nuqqas ta' fundament ġuridiku;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tiċħad din l-eċċezzjoni preliminari bħala waħda mhix mistħoqqa;

Illi għalhekk imiss li jiġi meqjus **il-mertu tat-talbiet attriċi** f'dan il-każ. L-atturi jgħidu li l-imħarrkin fl-eżerċizzju tal-promozzjoni, imxew lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilhom mil-liġi ("*ultra vires*") fil-kontinġenzi kollha maħsuba fl-artikolu 469A(1)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Jisħqu li huma nqabżu fil-promozzjoni mingħajr raġuni tajba fil-liġi u minħabba l-użu tad-diskrezzjoni li sar b'mod żbaljat;

Illi, fil-qosor, in-nuqqasijiet li l-atturi jilmentaw minnhom huma: fir-rigward tal-attur Sciberras li tnaqqaslu għadd kbir ta' punti minħabba li kien għamel żmien marid fit-tul; ikkompetew miegħu nies minn riġmenti oħra, meta dan ma kienx suppost li jsir; u ntgħażlu persuni li kellhom kwalifiki anqas minnu. Għar-rigward tal-attur Żammit, dan jilmenta li ma kienx hemm raġuni tajba għaliex tnaqqsulu punti fit-taqsima ta' attività fiżika u medika ladarba huwa kien korra fuq il-post tax-xogħol. Min-naħa tiegħu, l-attur Camilleri jgħid li nqabeż għaliex qalulu li ma kienx hemm postijiet battala, meta biss ftit xhur wara ngħata l-istess promozzjoni. L-atturi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, iqabblu l-anzjanita`, il-ħila u l-kwalifiki tagħhom ma' ta' dawk li ġew promossi w jsostnu li, bis-saħħa ta' dak l-eżerċizzju ta' tqabbil, huma kellhom ikunu promossi. Isemmu r-rakkomandazzjonijiet favorevoli li saru mis-superjuri tagħhom, u x-xogħol qalbieni li wettqu tul il-karriera tagħhom mal-FAM[19];

Illi l-Qorti tagħraf li l-promozzjonijiet fil-FAM, bħala regola, isiru skond rakkomandazzjoni jew nomina tal-Kap Kmandant lill-Ministru responsabbli, ibbażata fuq "effiċjenza, anzjanita`, kwalifiki u għażla biex

[18] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika bħala Awtorità dwar il-Liċenzjar et***
[19] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi f'paġġ. 260 sa 268 tal-proċess

timtela vakanza"[20]. Dawn il-kriterji ma ġewx mogħtija definizzjoni mil-leġislatur. Għalhekk biex jiggwidaw lill-Kap Kmandant, matul iż-żmien l-awtoritajiet fi ħdan il-Forzi Armati ħarġu numru ta' *policies* li jservu bħal linji-gwida kif għandu jinterpreta u jħaddem dawn il-kriterji[21];

Illi tajjeb jitfakkar qabel xejn li l-prinċipju ġenerali li, meta tissindika għemil amministrattiv, il-Qorti ma tistaqsix jekk dan kienx tajjeb jew ħażin, bħalma jsir fil-każ ta' appell, li jidħol fil-mertu, imma tistaqsi biss jekk dan kienx legali, jiġifieri jekk ġiex imħaddem fil-qafas tas-setgħat mogħtija mil-liġi. L-istħarriġ ġudizzjarju huwa għalhekk mekkaniżmu fundamentali biex jiżgura li l-awtoritajiet pubbliċi ma jaqbżux il-limiti tagħhom u tiġi mħarsa s-saltna tad-dritt. Għalhekk, meta Qorti tissindika għemil amministrattiv, hija tiddeċiedi biss jekk dak l-għemil għandux jitħassar jew le, iżda ma tbiddilx deċiżjoni meħuda mill-awtorita` pubblika li jkollha s-setgħa li tiddeċidiha b'oħra meħuda mill-Qorti stess;

Illi fil-prattika, f'qagħdiet fejn jiġi attakkat għemil amministrattiv bħala *ultra vires* ikunu bbażati fuq waħda jew iktar mir-raġunijiet mogħtija fl-artikolu 469A(1)(b)[22]. Jidher li l-ilment ewlieni tal-atturi jdur fuq in-**nuqqas ta' raġonevolezza** mħaddem fl-eżerċizzju tal-promozzjonijiet mertu tal-każ[23], li m'hijiex raġuni msemmija espliċitament f'din id-disposizzjoni tal-liġi imma li tinkwadra ruħha f'xi waħda jew iktar mir-raġunijiet hemm imniżżla, għalkemm tissemma f'dispożizzjoni oħra mill-istess artikolu li titkellem dwar l-għoti ta' ħlas tad-danni minħabba l-għemil amministrattiv attakkat[24];

Illi kif irrimarkat il-Qorti Suprema tal-Kanada, il-kunċett tar-raġonevolezza huwa wieħed mill-kunċetti legali mill-iktar użati, iżda fl-istess ħin mill-iktar kumplessi fil-qasam tad-Dritt Amministrattiv[25];

Illi jista' jingħad li id f'id mal-kwestjoni tar-raġonevolezza ta' deċiżjoni jew għemil amministrattiv, tidħol ukoll dik tar-rilevanza tal-kunsiderazzjonijiet li jintgħamlu biex twassal għat-teħid ta' tali deċiżjoni jew għemil. Din ukoll hija waħda mill-kawżali li fuqhom l-atturi jsejsu l-każ tagħhom[26]. Magħhom u minħabba l-kawżali speċifika tat-tħaddim tar-raġonevolezza, jidħol tabilfors l-element tat-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-liġi tagħni biha lill-awtorita` amministrattiva pubblika li tkun ħadet dik id-deċiżjoni.

---

[20] Art. 37 tal-A.L. 91 tal-1970 (L.S. 220.03) kif sussegwentement emendat

[21] Ara x-xhieda tal-Kurunell Martin Bondin f'paġ. 163 tal-proċess

[22] "*(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew (ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal- egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew (iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti; (iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi*"

[23] Ara l-ewwel talba attriċi f'paġ. 2 tal-proċess

[24] Art. 469A(5) tal-Kap 12

[25] Fil-kawża fl-ismijiet ***Dunsmuir vs New Brunswich (Board of Management)*** **2008** SCC 9 at 46

[26] Art. 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12

B'"diskrezzjoni" wieħed jifhem dak li fid-duttrina huwa mfisser bħala "*(the) power to make a choice between alternative courses of action or inaction*"[27];

Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv[28]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizżaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita` u ħaqq[29], u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew theddid minn terza persuna jaf inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtorizżata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;

Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[30]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat jekk l-awtorita` mistħarrġa għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizżata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Id-dmir li awtorita` taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi *bona fide*[31]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[32]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis

[27] DeSmith, Woolfe & Jowell *Principles of Judicial Review* (5th Edit, 1995), paġ. 296
[28] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)
[29] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podestà noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)
[30] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)
[31] Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695
[32] Ara, per eżempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682

jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalita` fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorita` pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[33];

Illi huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorita` wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita` mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[34]. Dan ifisser li l-kejl ta' r-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[35]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[36]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi f'dan ir-rigward, tajjeb li jingħad li "*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably*"[37]. Il-kejl tar-raġonevolezza jista' jitqies bħala l-mod kif għemil amministrattiv ma jitħalliex ikun aġir arbitrarju jew kapriċċuż[38]. Iżda jekk kemm-il darba jirriżulta li d-deċiżjoni amministrattiva taqa' fil-parametri tar-raġonevolezza, imbagħad il-Qorti ta' stħarriġ ma jifdlilha l-ebda setgħa li tindaħal fuq is-siwi ta' dik id-deċiżjoni jew tiddelibera dwar jekk kenitx taqbel magħha jew jekk kinitx tiddeċiedi bħalha[39];

Illi fis-sentenza *Associated Provincial Picture Houses Ltd v Wednesbury Corporation*[40] Lord Greene MR għamel pronunzjament awtorevoli

---

[33] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et*** (Riformata mill-App. Ċiv. fis-**27.3.2015**)
[34] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, *Administrative Law* (11th. Edit 2014), pġ. 295
[35] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[36] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***
[37] *Per* Wrenbury LJ in re ***Roberts vs Hopwood*** (**1925**) AC 578, a fol. 613
[38] Ara, b'eżempju, TRA GV **11.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Mallia vs Ministru tal-intern u Affarijiet Parlamentari et***
[39] Wade & Forsyth *op cit*, (9th Edit) pġ. 354 u 363
[40] [**1947**] EWCA Civ 1; [**1948**] 1 KB 223 (Wednesbury).

dwar il-livell ta' raġonevolezza legali li għandu jinżamm minn min jieħu d-deċiżjonijiet: "*In his oft-cited judgment, Lord Greene MR stated that a decision-maker will fall into error where they remain within the 'four corners of the matters which they ought to consider, [but] have nevertheless come to a conclusion so unreasonable that no reasonable authority could ever have come to it*"'[41];

Illi minn dik is-sentenza jistgħu jinstiltu għadd ta' prinċipji, li komplew jiġu elaborati f'sentenzi li ġew ippronunzjati warajha, fosthom li: (i) deċiżjoni tista' titqies li mhix raġonevoli f'sens ġenerali meta jkun hemm żbalji fil-proċess li bih tittieħed id-deċiżjoni. Iżda r-raġonevolezza teżisti bħala raġuni residwali tal-istħarriġ amministrattiv. Qorti tista' tħassar deċiżjoni fuq il-bażi ta' nuqqas ta' raġonevolezza wkoll meta min jieħu d-deċiżjonijiet ikun qies il-kunsiderazzjonijiet rilevanti kollha, eżerċita s-setgħat tiegħu għal għan xieraq, u mexa mal-applikant b'ġustizzja proċedurali; (ii) in-nuqqas ta' raġonevolezza skont il-liġi mhix skuża biex il-Qrati jimponu l-fehma tagħhom ta' x'inhu xieraq fuq dik ta' min jieħu d-deċiżjonijiet amministrattivi. Fi kliem Lord Greene fl-istess sentenza, "*the question is not what the court considers unreasonable, a different thing altogether*". Dan hu hekk il-każ billi "*There is a fine line between an unreasonable decision and a reasonable decision with which one disagrees. The High Court has repeatedly emphasized that legal unreasonableness is not a covert method for the judiciary to express its disapproval of an administrative decision.*"[42]; (iii) in-nuqqas ta' raġonevolezza jitqies eċċezzjonali, u mhux milħuq kif ġieb u laħaq, imma fi kliem Lord Greene, '*would require something overwhelming*'. Intqal ukoll li '*unreasonableness is a conclusion which may be applied to a decision which lacks an evident and intelligible justification*'[43], u wkoll li "*two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable*"[44]; u għalhekk Lord Cooke juża' t-test ta' "*whether the decision was one which a reasonable authority could reach*"[45]. Mhuwiex bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[46];

Illi, lil hinn minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, mill-atti tal-kawża joħroġ ukoll[47] li mill-ogħla għadd ta' punti li kull kandidat fl-eżerċizzju tal-promozzjoni seta' jingħata (elf marka), mitejn u ħamsa u erbgħin (245) minnhom biss kienu marki mogħtija bit-tħaddim tal-eżerċizzju tad-diskrezzjoni

---

[41] Barker, Justice Michael - *"Legal unreasonableness: Life after Li"* (FCA) [2014] FedJSchol 15
[42] Leighton McDonald, '*Rethinking unreasonableness review*' (2014) 25 Public Law Review 117, 122-4
[43] (**2013**) HCA 18: (**2013**) 249 CLR 332 (Li). (High Court of Appeal tal-Awstralja)
[44] Fl-atti tal-kawża ***Re W. (an infant)*** (**1971**) AC682 at 700
[45] Fil-kawża fl-ismijiet ***Boddington vs British Transport Police*** (**1999**) 2 AC 143
[46] il-kawża fl-ismijiet ***R. vs W*** (**1971**) A.C. 682
[47] Ara affidavit tal-Maġġur James Grech (Dok "JG1", f'paġġ. 176 – 7 tal-proċess

tal-uffiċjal kmandant tat-taqsima. Il-bqija tal-marki kienu jitqassmu skond il-kriterji oġġettivi stabbiliti;

Illi meta l-Qorti tħaddem dan it-tagħlim u dawn il-kunsiderazzjonijiet għall-każ preżenti, ma jirriżultax mill-atti li d-deċiżjoni tal-Kap Kmandant li ma jilqax ir-rakkomandazzjoni tal-Maġġur James Grech sabiex l-atturi Żammit u Camilleri jingħataw promozzjoni kienet imniġġsa minn xi raġunijiet assurdi, kapriċċużi jew bla sens, jew ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti. L-istess jista' jingħad għar-rigward tal-eżerċizzju li sar fil-konfront tal-attur Vincent Sciberras. Fl-istħarriġ tagħha, il-Qorti tagħti piż għall-fatt (1) li l-ilmenti tal-atturi huma mkejla ma' dak li tipprovdi l-liġi dwar il-ħatriet u promozzjonijiet ta' uffiċjali fil-FAM u l-*policies* imħaddna minnha; u (2) li l-kejl li ntuża waqt l-assessar kien għal kulħadd l-istess[48];

Illi ladarba hu hekk il-każ, wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-konklużjonijiet jew il-piżijiet mogħtija waqt l-istħarriġ magħmul mill-imħarrek Kap Kmandant, kif ukoll ir-ragunijiet li setgħu wasslu biex l-atturi, ftit żmien wara, ħadu promozzjoni. Iżda jibqa' l-fatt li jekk il-Qorti tindaħal f'din l-evalwazzjoni, u tbiddilha mal-fehma tagħha, tkun qiegħda tħaddem setgħa li l-liġi ma tagħtihiex;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, issib li ma tistax tilqa' **l-ewwel talba attriċi** għaliex l-eżerċizzju li għamlet il-FAM ma ntweriex li kien wieħed abbużiv minħabba li seta' kien irraġonevoli bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b), iżda kien eżerċizzju li, meħud fil-qafas tal-kriterji magħrufa u d-diskrezzjoni ta' min, fl-aħħar mill-aħħar, ħa d-deċiżjoni, ma ħariġx li kien eżerċizzju mwettaq ħażin;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, dan iġib li ma għandhiex tgħaddi biex tqis it-**talbiet attriċi l-oħrajn** għaliex, kif ingħad qabel, dawn kollha jiddependu minn jekk l-ewwel talba tintlaqax. Jingħad ukoll li, imqar kieku din il-Qorti setgħet tqis it-tieni talba, il-mertu tagħha ġie eżawrit billi fil-mori tal-proċeduri l-atturi lkoll ħadu promozzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

[48] Ara x-xhieda tal-Kurunell Martin Bondin u dik tal-Maġġur James Grech fil-kontro-eżami tagħhom f'pagg. 214 sa 215 u 220 tal-proċess

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin u ssib li l-kawża mhijiex milquta minn nuqqas ta' fundament ġuridiku li bis-saħħa tiegħu ma setgħetx titressaq;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-imħarrkin u b'hekk **tiċħad l-ewwel talba attriċi** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u dan billi ma ntweriex li l-għemil amministrattiv impunjat mill-atturi sar tabilħaqq b'mod abbużiv jew illegali;

**Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn** għaliex dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief dawk marbuta mas-sentenza preliminari tas-26 ta' Ottubru, 2010, li jibqgħu regolati kif ordnati f'dik is-sentenza.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**24 ta' Frar, 2022**